MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Settembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 61/2003

Il-Pulizija
(Spettur C. Magri)
(Spettur S. Galea)
Vs

Raymond Abela

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :
1) fin-Naxxar fl-1 ta' Novembru, 2000 ghall-habta tal-5.10 ta' wara nofsinhar, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Pacifico Bezzina minn Naxxar f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi permezz ta' strument li jaqta' w li jniggez ta daqqiet fil-partijiet vitali tal-gisem ta' l-imsemmi Pacifico Bezzina w ikkagunalu feriti ta' natura hafifa skond kif iccertifika t-Tabib Anthony Gatt ta' l-Isptar

San Luqa, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu;
2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li kien qieghed jaghmel delitt kontra l-persuna, kellu fil-pussess tieghu arma regolari jew imitazzjoni t'arma regolari;
3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kif ukoll fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, zamm jew garr, jew kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' w li jniggez minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
4) fl-1 ta' Novembru, 2000 ghall-habta tal-5.00 ta' wara nofsinhar kif ukoll fix-xhur ta' qabel din id-data saq vettura tal-ghamla Opel Corsa bin-numru tar-registrazzjoni HAE 037 minghajr licenzja tas-sewqan mahruga f'ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
5) talli b'hekk gie li saq l-imsemmija vettura minghajr ma kienet licenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija biex tintuza fit-triq bi ksur tal-Artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
6) b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' jew garanzija ta' terzi persuni bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
7) u finalment talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Artikoli tal-Ligi li skond in-nota tal-Avukat Generali (Fol. 251) setghet tinstab htija kontra l-akkuzat appellant u cioe' l-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 17(b), 49, 50, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali , l-Artikoli 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65, l-Artikolu 3 tal-Kap. 104, u l-Artikoli 2, 13, 19, 23, 25, 26 u 27 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 t'April, 2003, li biha wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 17(b), 49, 50, 31, 20,22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, l-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65, l-Artikolu 3 tal-Kap. 104, u l-Artikoli 2, 13, 19, 23, 25, 26 u 27 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati talli kkaguna ferita hafifa, talli garr strument bil-ponta w li jaqta minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija, talli ghamel delitt kontra l-persuna ta' Pacifico Bezzina waqt li kellu fuqu arma regolari (mus), talli saq

vettura minghajr ma kellu road licence imhallsa w talli sar recidiv, u mhux hati talli kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Pacifico Bezzina, talli saq b'manjiera traskurata w talli ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' waqt is-sewqan tieghu mill-liema akkuzi lliberatu, w ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' erbatax il-xahar komplessivament ghall-akkuzi li sabitu hati taghhom, b'dan illi minn dan il-perjodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz u ikkundannatu wkoll ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez peritali li jammontaw ghall LM43.65c.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 t'April, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lill-appellant hati talli kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Pacifico Bezzina, talli saq b'manjiera traskurata w talli ma kienx kopert b'polza ta' sigurta' waqt is-sewqan tieghu, tirrevokaha in kwantu sabitu hati talli kkaguna feriti ta' natura hafifa, talli garr strument bil-ponta w li jaqta minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija, talli ghamel delitt kontra l-persuna ta' Pacifico Bezzina waqt li kellu fuqu arma regolari (mus), talli saq vettura minghajr ma kellu road licence imhallsa w talli huwa recidiv u konsegwentement tilliberah minn kull piena w htija skond il-ligi, w f'kaz li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, talab li tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghal kaz odjern.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe' : - 1. illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u 2. bla pregudizzju, il-piena ta' erbatax il-xahar prigunerija kienet eccessiva u harxa izzejjed meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali;

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell jimpernja ruhu fuq l-apprezzament tal-fatti li sar mill-Ewwel Qorti li semghet ix-xhieda li d-depozizzjoni taghhom jinsabu traskritti fil-process u li konsegwentement din il-Qorti ma kelliex l-opportunita' li tisma x-xhieda hi stess "viva voce" biex tkun f'pozizzjoni ahjar li tivvaluthom .

Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda "safe and satisfactory" fid-dawl tar-rizultanzi.

"Illi appropositu ta' dan , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "R. v. Cooper" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed." (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi fil-kawza fl-ismijiet : "Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt", deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) inghad illi :-

"…. l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament . Biex din il-Qorti , kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju tal-gurati , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux , taht ebda cirkostanza ragjonevoli , jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."

Illi dan il-principju gie dejjem applikat fil-gurisprudenza recenti anki ghall-kazijiet fejn l-apprezzament tal-fatti li kontra tieghu jkun qed isir appell , ikun sar mill-Magistrat togat fil-kaz t'appelli minn decizjonijiet tal-Qrati tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Issa fil-kaz in ezami din il-Qorti ghamlet dan l-apprezzament approfondit tal-provi w ghalkemm veru jirrizultaw li hemm zewg versjonijiet ta' kif gara l-incident li fih safa ferut Pacifico Bezzina, sabet li ma hemm xejn li seta' jzomm lill-Ewwel Qorti milli taccetta l-versjoni ta' Bezzina w tiskarta dik tal-appellant.

Hu veru li fil-waqt li Bezzina xehed li meta hu u l-appellant regghu gew flimkien ghat-tieni darba , l-appellant kellu karta f'idejh biex jittradih , xejjirlu b'mus li kellu f'idejh, laqtu w qallu kliem li b'dan iqattaghhielu qalbu, l-appellant isostni li l-mus kien f'idejn Bezzina u li hu ssara mieghu w waqghu fuq xulxin u x'aktarx li Bezzina dak il-hin li gie ferut. Pero' il-versjoni tal-appellant fiha hafna nkonsistenzi w lakuni li jirrenduha inqas kredibbli minn dik tal-vittma Bezzina. Hekk l-appellant fix-xiehda tieghu (a fol. 292) ma spjegax kif il-mus kien spicca f'idejh. Fl-ewwel stqarrija tieghu (fol. 89) beda biex qal li meta Bezzina kien tah bil-mus f' saqajh , hu kien qabez fuqu w hadlu l-mus minn idejh u spiccaw it-tnejn fl-art, hu bil-mus

f'idejh . Meta mbaghad gie mistoqsi jekk meta Bezzina qala' d-daqqa f' gembu , l-mus kienx f'idejh jew f'idejn Bezzina, l-appellant kien wiegeb li jahseb li saret meta l-mus kien f'idejh. Izda mbaghad ,fit-tieni stqarrija tieghu (fol.93), kien qal li l-mus ma jafx jekk hadux minn idejn Bezzina jew gabrux mill-art. Lanqas ma jaf kif spicca d-demm hiereg minn go gemb Bezzina . Lanqas spjega kif Bezzina kien ukoll ferut f'sidru fl-istqarrija tieghu (Fol. 92) u meta gie mistoqsi dwar dan il-fatt, ghazel li ma jwegibx. In-natura tal-ferita fid-dar ta' Bezzina tawwalija w twila xi tmin centimetri w fonda sitt centimetri ftit li xejn hi kompatibbli ma ferita ta' xi hadd li jaqa' fuq mus imma, fil-fehma ta' din il-Qorti, hija aktar kompatibbli ma tixjira ta' arma . Il-ferita f' sieq ix-xellugija tal-appellant ftit li xejn hija verosimilment spjegabbli bil-mod kif ipprova jispjegha l-appellant u cioe' li din sofriha meta kien qed jipprova jiftah il-bieba tal-lemin ta' quddiem tan-naha tad-driver b'siequ x-xellugija. Dan xejn mhu naturali w wiehed jifhem li persuna li qed tipprova tiftah il-bieba tal-lemin kontra aggresssur tuza s-sieq tal-lemin (li tkun l-ewwel wahda w l-aktar vicin il-bieba) biex tiftah il-bieba b' forza. Ftit wiehed jista juza forza bis-sieq tax-xellug fuq bieba mall-lemin minn pozizzjoni sedentarja f'car ! Hemm umbaghad l-ispjegazzjoni nverosimili li ta l-appellant meta gie mistoqsi ghala , jekk veru kien hu li gie aggredit minn Bezzina, ma marx minnufieh jirraporta l-incident , izda minnflok harab minn fuq il-post u - fi kliemu - ghex ta' fuggittiv mill-gustizzja, jorqod fil-car fil-kampanja, sakemm gie mwaqqaf w identifikat f' road block xi granet wara l-incident. Wiehed kien jistenna li jekk verament kien hu l-vittma tal-aggressjoni , li jmur minnufieh jirraporta l-kaz – kienet x' kienet il-fedina penali tieghu – kif del resto ghamel Bezzina li saq jigri sal-ghassa bil-flokk ta' fuqu mimli demm kif rawh l-ispettur Simon Galea (Fol. 76) u s-Surgent PS 508 Bezzina .

Illi umbaghad l-aggravju tal-appellant li Bezzina ma kienx konsistenti fl-istqarrijiet u d-depozizzjonijiet tieghu quddiem il-pulizija, periti w l-Qorti huwa aktar wiehed percepit milli attwali ghax fis-sustanza il-versjoni ta' Bezzina kienet u baqghet dejjem l-istess wahda w f' ebda

stadju ma giet mibdula kuntrarjament ghal dik tal-appellant inniffsu kif intqal fuq.

Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tabbraccja l-versjoni ta’ Bezzina w tiskarta dik tal-appellant u zgur li ma jistax jintqal li f’din il-konkluzzjoni l-Ewwel Qorti kienet manifestament zbaljata.

Ghalhekk isegwi li l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tghid li t-tieni imputazzjoni w cioe’ li fil-hin li kkaguna ferita’ ta’ natura hafifa fuq Bezzina, l-appellant kellu fuqu arma regolari , u dana mhux ghal xi ghan legittimu , tirrizulta . Gie pruvat minghajr ombra ta’ dubju bix-xhieda ta’ l-Ispettur Simon Galea li l-appellant ma kellux licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija biex izomm din l-arma (Fol. 259) u li hu recidiv bis-sentenzi kollha esebiti li d-difiza ma kkontestathomx u anzi ezentat lill-Prosekuzzjoni milli taghmel il-prova tal-identita’ . Irrizulta ukoll mid-depozizzjoni ta’ Brian Farrugia (Fol. 248) li l-licenzja fuq il-vettura HAE 037 Opel Corsa registrata fuq isem l-appellant , kien ilha li skadiet minn Awwissu, 1999.

Ghal dawn il-motivi l-appell fuq il-htija jidher infondat u qed jigi michud.

Illi ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti ma tindahalx fid-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog mill-parametri tal-ligi jew ma tkunx manifestament esagerata. Issa ghall-htija dwar it-tieni imputazzjoni , skond l-artikolu 26 tal-Kap.66 tal-Ligijiet ta’ Malta , hemm mahsuba l-piena tal-prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn sentejn. Umbaghad, bl-applikazzjoni tal-artikolu 50 u 31 (1) (viii) u (ix) tal-Kap. 9 , stante li l-appellant hu pluri-recidiv , il-piena massima hija dik mizjuda bi grad u cioe’ ta’ tlitt snin prigunerija. Ghalhekk il-piena la tohrog mill-parametri tal-ligi w fil-fehma ta’ din il-Qorti ma hix eccessiva, meta wiehed jikkonsidra li hija inqas minn-nofs tal-massimu tal-piena li setghet tigi inflitta. Illi umbaghad skond l-artikolu 27 tal-Kap.66 la jista’ jigi applikat l-artikolu 21 tal-Kap.9 u lanqas l-Att dwar il-Probation u f’kull kaz din il-Qorti – konsidrata l-kondotta refrattarja tal-appellant u kundanni precedenti

ta' prigunerija li hu gja nghata – ma thoss li hemm l-icken raguni ghal xi temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata konfermata .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------